



FLUSNA



IL-KARTA L-ĠDIDA TAL-€50

www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu

Mezz fdat ta' ħlas



Mario Draghi
President, Bank Ċentrali Ewropew

Sa minn meta daħlu fl-2002, il-karti tal-euro saru simbolu tal-integrazzjoni Ewropea u mezz ta' ħlas fost l-iżjed fdati fid-dinja. L-għan tagħna huwa li nżommu din il-fiduċja billi nisfruttaw l-aħħar teknoloġija sabiex il-karti tal-flus ikunu aktar siguri. Il-karti tal-euro jintużaw minn 338 miljun ruħ f'19-il pajjiż Ewropew.

Dħul gradwali tas-sensjela l-ġdida

Il-karti tal-flus tas-sensjela Europa qegħdin jiġu introdotti f'tit f'tit matul bosta snin. Diġà ħarġu l-karti tal-€5, €10 u €20 u l-karta l-ġdida tal-€50 se tkun fl-idejn mill-4 ta' April 2017 'il quddiem. Huwa maħsub li l-karti l-ġodda tal-€100 u l-€200 se jkunu fl-idejn għall-ħabta ta' tmien l-2018. Is-sensjela ġdida tal-karti tal-flus mhijiex se jkollha l-karta tal-€500 minħabba li hemm tħassib li tista' tgħin f'attivitajiet illeċiti.

Il-karta l-ġdida tal-€50, bħall-karti tas-sensjela Europa li ħarġu qabilha, se tkun fl-idejn flimkien mal-karti tal-euro tal-ewwel sensjela, li se jibqgħu valuta legali. Il-karti tal-euro jibqgħu jżommu l-valur tagħhom u jstgħu jissarrfu fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema sa żmien indefinit.

Għaliex karti tal-flus ġodda?

Il-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-flus iridu jittejbu minn żmien għal żmien biex ikunu iżjed reżistenti għall-falsifikazzjoni. Id-disinn tal-karti tal-flus kollha tas-sensjela Europa fih ukoll tibdil żgħir minn dak tal-ewwel sensjela u nġatlatlu b'xra ġdida. Il-€50 ġdida mhijiex eċċezzjoni u fost il-karatteristiċi ta' sigurtà għandha tieqa b'wiċċ Europa li tidher miż-żewġ naħat tal-karta. Din il-karatteristika ġdida ssahħilha s-sigurtà u wieħed malajr jiġi jiċċekkja hix falza jew le.

Il-karta l-ġdida tal-€50 se tidħol fiċ-ċirkolazzjoni fl-4 ta' April 2017.

Aktar tagħrif jinsab hawn:

www.karti-godda-tal-euro.eu

L-EWWEL SENSJELA



IS-SENSJELA EUROPA



Huwa faċli tiċċekkja l-karti tal-flus tas-sensjela Europa bil-metodu "ĦOSS, ĦARES u MEJJEJ", b'halma kien il-każ tal-ewwel sensjela.



Stampar imqabbeż – Foss il-linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin tal-karta tal-flus. Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u l-valur numeriku l-kbir jinħassu eħxen ukoll.

2 ĦARES



Tieqa bil-wieċ fl-oġramma – Kontra d-dawl, it-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-oġramma ssir trasparenti u turi xbieha ta' wieċ Europa miż-żewġ naħat tal-karta.

3 MEJJEL



Ologramma – L-istrixxa lewn il-fidda turi l-valur, ix-xbieha ewlenija u s-simbolu tal-€.

Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma – It-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma turi xbieha ta' wiċċ Europa. Meta tmejjel il-karta tal-flus, fit-tieqa jidhru wkoll linji bl-ilwien tal-qawsalla madwar il-valur numeriku. Fuq wara, fit-tieqa jidhru l-valuri numeriċi bl-ilwien tal-qawsalla.





Biex tkun taf aktar fuq il-karti u l-muniti tal-euro, ikkuntattja lill-bank ċentrali ta' pajjiżek jew:

Il-Bank Ċentrali Ewropew
Sonnemannstrasse 20
60314 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

Tel: +49 69 1344 7455/Fax: +49 69 1344 7401
Email: info@ecb.europa.eu
www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu



BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA